**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 95, 96, 251B u 338 (ee) tal-Kapitolu 9**
**tal-Ligijiet ta’ Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Kumpilazzjoni Nru.: 847/2009**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**CHARMAINE PACE**
**(I.D. 386775M)**

**Illum, 9 ta’ Jannar 2018**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputata **CHARMAINE PACE,** detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 386775(M) tressqet quddiemha akkuzata:-

1. Talli fl-24 ta’ Lulju 2009 ghal habta tat-tmienja u nofs (8.30p.m.) u d-disgha ta’ filghaxija (9.00p.m.) gewwa numru 61, Triq il-Mithna, Hal Qormi, bi kliem insulentat u heddedt lis-Supretendent Sandro Gatt li hu membru tal-Korp tal-Pulizija, inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li

kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' orgni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qabdet sieq ta' siggu kontra PC1176 Kurt Zahra li hu membru tal-Korp tal-Pulizija, nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba taghha, kkagunat lill-istess PC1176 Kurt Zahra, jibza' li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu;

4. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija li huma nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqset li tobdi ordnijiet legittimi moghtija lilha minn diversi membri tal-Korp tal-Pulizija, persuni nkarigati mil-Ligi u minn servizz pubbliku waqt li kienu qeghdin jaghmlu l-qadi ta' dmirijiethom.

Rat li din il-kawza giet assenjata lilha bid-digriet tal-Assenjazzjoni tal-Prim' Imhallef, datat 26 ta' Ottubru, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti u cioe' estratt mill-att tat-twelid (fol. 2), Fedina Penali (fol. 3), Kunsens tal-Avukat Generali biex il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja (fol. 4).

Rat ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni.

Illi fis-7 ta' Frar, 2012 xehed **PS 524 Paul Cassar**, stazzjonat Mobile Squad. Dan qal li fl-24 ta' Lulju, 2009 kienu qed jassistu fit-tfittxija ghal persuna ta' Marco Pace, wara incident li sehh f'Hal Qormi. Lil Marco Pace kienu sabuh id-dar tieghu. Qal li kienu assistew lis-Supt. Sandro Gatt wara li dan ipprova jinnegozja ma' Marco Pace jgeghlu johrog mid-dar. Kellhom jidhlu jarrestawh fir-residenza ta' ommu. Pace kien aggressiv mhux hazin. L-imputata Charmaine Pace kienet prezenti waqt li kienu hergin bih, u din ukoll kienet aggressiva mal-pulizija fejn aggrediet lil PC1176 b'xi sieq ta' siggu jew mejda ghalkemm dan kien zvelt bizzejjed li ma weggeghtux u lahaq hadhielha. Inoltre bdiet thedded lis-Supretendent u tghidlu "*ha npattihielek*". Ikkonferma li dak il-hin kien hemm ftit kommozzjoni mhux hazin izda hu ma kienx mhedded.

Fid-19 ta' Frar 2013 xehed l-**Ispettur Anthony Agius** li spjega li fl-24 ta' Lulju 2009 kien inkarigat mis-Sezzjoni ta' l-Iskwadra Mobbli. Qal li dakinhar kien inqala' xi nkwiet fil-pjazza ta' Hal Qormi u meta marru jaraw sabu li kien hemm Marco Pace li kellu kollizjoni go kiosk. Wara marru biex jarrestaw lil Pace mir-residenza 30, Triq il-Mithna, Qormi, u dan irrezista sew tant li kellhom juzaw it-taser gun. Fl-ahhar irnexxielhom jimmanettjawh u waqt li kienu hergin bih kien hemm l-imputata li bdiet toffendihom, specjalment lis-Supretendent Sandro Gatt. Spjega li din kienet aggressiva verbalment u anke vjolenti. Zied jghid li minn taht il-ghajn kien raha taqbad xi haga u PC1176 Kurt Zahra li kien maghhom hadhielha minn idha, izda wara ftit regghet qabdet xi njama jew lembuba u ppruvat taghti biha. Qal li din kienet xi haga sewda tal-kewba. PC1176 hadhielha u din ukoll giet immanettjata u kienu nezlin biha mit-tarag. Bdiet titkellem vulgari u toffendi lis-Sur Gatt u lil Zahra. Bdiet ukoll taghti bis-sieq fid-direzzjoni tas-Supretendent Gatt li dak il-hin kien qrib. L-imputata giet arrestata, ddahhlet fil-vettura tas-servizz u tnizzlet il-*lock up*.

Mistoqsi jiftakarx xi kliem li qalet l-imputata, x-xhud wiegeb li jaf li lis-Sur Gatt bdiet tghidlu "*kemm inti ahdar"* u "*npattihielek*" oltre hafna kliem baxx. Ikkonferma li Charmaine Pace hija l-imputata prezenti fl-Awla.

In kontro-ezami qal li dak il-hin kienu erba' karozzi tal-pulizija, jigifieri kienu tmienja pulizija zgur u fuq barra kien hemm ukoll xi pulizija tad-distrett. Zgur li kienu hu, is-Supretendent Gatt, PS524 P. Cassar, PC185 Roger Mifsud u PC 233 u xi tlieta ohra mid-distrett ta' Hal-Qormi li kemm dahlu u hargu biss.

Mistoqsi jekk hijiex il-prassi li mara tigi arrestata mill-irgiel, ix-xhud stqarr li huma kienu marru hemm biex jarrestaw lil Marco Pace li kien maghruf li dejjem jirrezisti l-arrest u allura ma kinux marru hemm ghall-imputata. Mistoqsi jekk lilu ghamlitlux xi haga, wiegeb li lilu offendietu u kellmitu baxx u zied jghid li jekk titolbu skuza kien lest jahfrilha. Qal li pero' it-theddid l-iktar li kien indirizzat kien lejn PS1176 Kurt Zahra fejn bdiet tghidlu li ser tpattihielu.

**PS1176 Kurt Zahra** xehed fid-19 ta' Frar 2013 u ddikjara li fl-24 ta' Lulju 2009 huwa kien stazzjonat fil-Mobile Squad u kien issejjah biex jassisti lil tad-distrett ta' Hal-Qormi fuq incident li kien gara, partikolarment biex jassistu lis-Supt. Sandro Gatt fl-arrest ta' Marco Pace. Waqt l-arrest fir-residenza ta' Marco Pace gewwa Hal-Qormi, kien hemm certa Charmaine Pace, li huwa gharaf bhala l-imputata. Intebah li din qabdet xi haga sewda, li rrizulta li kienet sieq ta' siggu, u rnexxielu jahtafhielha. Charmaine ippruvat ittih b'din l-injama imma zammha. Immanettjawha u ppruvat ukoll taghti daqqa ta' sieq lis-Supretendent Gatt. Mistoqsi f'liema parti tal-incident kien prezenti hu qal li kien hemm waqt l-arrest ta' Marco Pace u meta din ippruvat taghtih daqqa. Ikkonferma li din ippruvat taghti daqqiet ta' sieq fid-direzzjoni tas-Supt. Gatt. Bdiet ukoll tghajjat, tidghi u tghid kliem oxxen. Dan kollu sehh fir-residenza ta' Marco Pace f'Hal-Qormi.

In kontro-ezami qal li l-oggett in kwistjoni ma gabrux u jekk gie elevat ma sarx min-naha tieghu, forsi mis-Surgent tad-distrett li ha r-rapport dak iz-zmien. Mistoqsi kemm kienu pulizija jaffettwaw l-arrest, wiegeb li ma jiftakarx ezatt imma zgur kienu xi tliet (3) units tal-mobile, jigifieri xi sitt (6) pulizija. Demm fuq l-imputata ma rax.

Fit-2 ta' Frar, 2016 xehed is-**Supretendent Sandro Gatt** u spjega li f'Lulju tas-sena 2009 hu kien stazzjonat is-CIU d-Depot. Ftakar li dakinhar tal-incident ghall-habta ta' xi t-tmienja u kwart ta' filghodu (8:15hrs), waqt li kien ghadu hiereg ghax-xoghol, dahal messagg fuq ir-radio li kien hemm bzonn assistenza n-naha ta' fejn joqghod Marco Pace, maghruf bhala l-Pinzell, fi Triq il-Mithna, Hal-Qormi. Hu mar hemm ma' shabu u sab diversi karozzi tal-pulizija tal-Mobile u tad-Distrett u nnota lil Marco Pace kien fit-tieqa tal-gallarija jghajjat u jaghmel hafna storbju. Ikkonferma li lil Marco Pace kien jafu u jaf li jghidulu "*l-Pinzell*". F'hin minnhom omm Pace marret tkellmu u qaltlu li binha ma ried ikellem lil hadd hlief lilu. Ghalhekk hu baghat lil kulhadd lil hemm u dahal gewwa, fejn sab lil Pace jixrob il-whisky mal-medja tal-ikel. Dan kien irrabjat u eccitat hafna. Ix-xhud qallu biex jinzel mieghu ha jmorru l-ghassa, imma ma riedx. Hin minnhom qabad ponn pilloli minn go bott u belaghhom mal-whisky. Qabbad il-lighter u fetah il-burners tal-cooker. Skond ix-xhud Pace "*beda jdawwar 'lhemm u l'hawn biex jgholli kull m'hemm.*" Ghalhekk hu sejjah lil shabu tal-Mobile ghall-assistenza, ghafas il-push tal-bieb u l-pulizija telghu. Sadanittant Marco Pace zgicca ghal go kamra tas-sodda. Huma marru warajh u ordnawlu jikkalma, imma ma obdiehomx. Allura ta ordni lis-Surgent li kien mieghu biex juza t-taser. Imbaghad immanettjawh.

Kien dak il-hin li dahlet fix-xena Charmaine Pace, li gharafha bhala l-imputata. Spjega li din kienet dahlet meta dahlu l-pulizija. Spjega li malli din rat lil Marco Pace marbut, donna ppanikkjat, bdiet twerzaq u tixher. Lilu bdiet tghajjru "*pufta, m'intix ragel u nsibek u npattihielek*". Zied jghid li pero' fl-ebda hin ma messitu u ghalkemm ippruvat ittih daqqa ta' sieq, kien hemm certa

distanza. Imbaghad arrestaw lilha wkoll u nizzluha isfel flimkien ma' Marco. Kienet giet avzata l-allura Magistrat Jacqueline Padovani Grima li ordnat li Charmaine Pace tigi rilaxxata.

Mistoqsi jekk kienx innota li kellha xi oggett f'idha, x-xhud wiegeb li jidhirlu li kellha xi haga li kienet qabdet minn fuq xi bicca ghamara, aktarx xi statwa jew lembuba. X'kienet mhux cert. Bdiet ixxejjer dan l-oggett. It-theddid ta' Charmaine Pace fil-konfront tieghu kien "*inpattihielek, insibek*", fejn spjega li huwa wkoll minn Hal-Qormi u lilhom jafhom.

Qal li pulizija dak il-hin kien hemm l-Ispettur Toni Agius tal-Mobile u PC1176 Kurt Zahra. Mistoqsi jistax jghid xi haga in konnessjoni ma' PC1176, qal li ma kellu xejn partikolari xi jghid. Spjega li l-atteggjament ta' Charmaine Pace fil-mument tal-arrest kien tali li bdiet tirrezisti u bdiet taghti bis-sieq u fil-fatt nizzluha t-tarag fost hafna xenati, ghajjat u storbju fejn kompliet tghidlu "*inpattihielek pufta kollok".*

Ix-xhud esebixxa kopja tal-Incident Report bin-numru NPS2/C/1706/09, li pprintjah hu personalment fil-31 ta' Jannar 2016.

Fit-2 ta' Frar, 2016 xehdet ukoll l-**Ispettur Sandra Zammit**. Din qalet li fl-24 ta' Lulju 2009 ghal xi d-disgha ta' filghaxija (21.00hrs) kienet giet infurmata li f'numru 61 Triq il-Mithna, Hal-Qormi, l-pulizija kienu marru biex jarrestaw lil Marco Pace u li l-atteggjament tieghu kien ostili u ma riedx jifthilhom. Kien hemm diversi pulizija fosthom is-Supretendent Sandro Gatt u l-Ispettur Anthony Agius. Fethitilhom ommu u telghu u Marco Pace beda jirrezisti l-arrest. Dak il-hin kien hemm prezenti wkoll l-imputata Charmaine Pace, li gharfitha fl-Awla u l-atteggjament taghha wkoll kien ostili.

Spjegat li dan tafu skond ma gie rapportat lilha fis-26 ta' Lulju, 2009 fil-prezenza ta' PC1316 Peter Agius, fl-ghassa f'Hal-Qormi fejn hija hadhet l-

istqarrija ta' Charmaine Pace wara li tatha s-solita twissija. Qalet li Charmaine Pace qaltilha li l-pulizija mmexxija mis-Supt. Gatt u l-Ispettur Agius, kienu marru d-dar taghhom biex jarrestaw lil Marco Pace maghruf bhala l-Pinzell. Meta kkonfrontatha bil-fatt li kienet heddedt lis-Supt. Gatt u qaltlu kliem oxxen, li rrezistiet l-arrest u li qabdet oggett (li wara rrizulta li kienet lembuba), Charmaine Pace innegat kollox. Pace ghazlet li tiffirma l-istqarrija taghha. Ix-xhud gharfet il-firem taghha, tal-imputata u ta' PC1316 fuq l-istqarrija. L-istqarrija hija datata 26 ta' Lulju, 2009 u dak iz-zmien kien ghadu ma dahalx id-dritt tal-assistenza, ghalhekk ma tathiex. Esebiet okkorrenza, kopja tal-istqarrija tal-imputata u l-lembuba li giet elevata mir-residenza taghha.

Rat illi fl-unika seduta mizmuma minn din il-Qorti kif presjeduta, cioe' dik tal-14 ta' Novembru, 2017, l-imputata ddikjarat li kienet qeghda tirrimetti ruhha ghall-atti processwali u li l-partijiet awtorizzaw lill-Qorti sabiex tghaddi biex taghti s-sentenza taghha.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza jirrizulta li l-pulizija kienu marru sabiex jarrestaw lil Marco Pace peress li kien involut f'habta go kiosk Hal Qormi. Dan Marco Pace kien ostili hafna mal-pulizija u spiccaw fuq il-post diversi persuni sabiex jaffettwaw l-arrest tieghu. Fuq ix-xena kien hemm l-imputata li wkoll gabet ruhha hazin billi offendiet numru ta' ufficcjali, qalet kliem ta' theddid fil-konfront tal-ufficcjali u hebbet ghall-istess ufficcjali kif ser jigi deskritt aktar 'l isfel. L-imputata ma xehditx f'dawn il-proceduri pero' irrilaxjat stqarrija *a tempo vergine* tal-investigazzjoni li tinsab esebita fl-atti a fol. 56 tal-atti mmarkata bhala Dok S21. L-imputata taghti rendikont ta' dak li kien sehh fl-konfront ta' huha Marco Pace u tghid li hija ma kienet ghamlet xejn hazin. Tghid li huha gie trattat hazin hafna mill-pulizija tant li kienu tefghuh mal-art ghal mejjet u meta rat hekk intefghet fuq is-sodda ghax hassa hazin. F'hin minnhom tghid li l-pulizija qabduha u harguha 'l barra u haduha maghhom id-depot. Tichad li

qabdet figurina u li kienet ser taghti biha u tghid li l-pulizija tefhawla xi haga f' halqa u ghalhekk lanqas titkellem ma setghet.

Illi f'din il-kawza hemm konflitt ta provi. Il-verzjoni ta' dak li gara kif deskritta minn numru ta' ufficcjali li lkoll qabblu fuq dak li kien gara dakinhar u dik moghtija mill-imputata li tghid li hija ma ghamlet xejn u li donnu giet arrestata ghal xejn sempliciment ghaliex kienet fid-dar ta' ommha meta huha gie arrestat. Il-Qorti ghalhekk thoss li fic-cirostanzi l-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-prosekuzzjoni ghandha aktar mis-sewwa. Dan il-verdett waslet ghalih il-Qorti wara li qieset l-imgieba tax-xhieda, l-interess li kellhom f'dak li qalu u l-komportament taghhom.

Fl-ewwel lok l-imputata giet akkuzata talli qalet kliem insolenti u ta' theddid fil-konfont tas-Supretendent Sandro Gatt u dan waqt il-qadi ta' dmirijietu.

L-artikolu in desamina u cioe' **l-artikolu 95** jipprovdi s-segwenti:

"*kull minn jingurja jew jhedded jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond l-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz...*"

Dan ir-reat huwa dak ta' oltraggio kif kontemplat fl-**Artikolu 194 tal-Kodici Kriminali** Taljan li huwa forma ta' ingurja ta' gravita specjali minhabba dak ir-rispett li kull cittadin ghandu juri lejn ufficjal pubbliku u cioe' kif jghid Crivellari fil-ktieb tieghu Codice Penali[1], li:

"*questo delitto si fa consistere dagli scrittori nell'offendere in qualsiasi modo con parole ed altro un pubblico ufficiale ad una persona legittimamente incaricata di un pubblico servizio in loro presenza e nell'ezercizio o per cauze*

[1] Vol. 6, pag 213 para 358 (Ediz. 1890)

*delle loro funzioni ad uno pubblico amministrazione nel tempo delle sue ordinanze ed al cospetto di essa."*

L-istess awtur izid jghid li:

*"l' offesa nel delitto di oltraggio non deve essere, secondo la scienza, l'inguria semplice o la diffamazzione ma la conculcazione aperta del valore morale della persona per esprimerle la proprio disistima e provocare sifatta disistima con qualsiasi forma dell' attivita sia parola, sia gesti, sia minaccia, sia percossa, sia altre qualunque violenze ... la condizione per cui l'offesa all'autorita dello stato e` che il fatto costituente offesa contro la persona di colui che rappresenta lo stato abbia luogo nell'esercisio o per cause delle sue funzione. Cosiche l'esercizio o per cause delle sue funzione, deve avere avuto un efficacia determinatrice al prorompere nell'offesa."*

L-element ta' dan r-reat kif jghid Crivellari[2] u kkonfermati fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli fl-ismijiet **Il-Pulizija v Amante Camilleri**[3] huma s-segwenti:

1. *e necessario un'offesa qualsiasi all'onore, alla ripetizione, al decoro;*
2. *soggetto passivo del delitto non puo essere che un pubblico ufficiale;*
3. *l'offesa dev'essere fatta con parole o con fatti;*
4. *vuolsi la presenza del soggetto passivo non e` necessaria la pubblicita`;*
5. *l'offesa dev'essere fatta a causa dell'esercizio delle funzioni;*
6. *l'elemento intenzionale.*

Fis-sentenza fuq citata, l-Qorti tal-Appelli Kriminali qalet li biex ikun hemm d-delitt ta' oltragg, hemm bzonn:

---

[2] ibid.
[3] Qorti ta' l-Appell Kriminali (VDG) -- 17 ta' Ottubru, 1997 (App. Nru. 379/96)

a. li l-kliem denunzjali bhala ingurjuzi jkunu inghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku, u
b. li jkunu inghadu *officio durante nel contemplatione officii*, u
c. li l-kliem jigu profferiti fil-presenza tal-ufficjal in kwistjoni, ossia di viso, ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat tal-oltragg, izda dak ta' ingurja komuni, u
d. li l-kliem ikunu fil-fatt ingurjuzi, u
e. li jkun hemm l-element formali li jikkonsisti fl-intenzjoni li wiehed joffendi ufficjal pubbliku.

L-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu skond il-gurisprudenza Taljana hija l-istess u cioe' tinghata l-istess tifsira u interpretazzjoni.

Fil-ktieb Il Codice Penale Italiano Illustrato[4] ta' Giovan Battista Impallomeni taht it-Titolu III para 393 imsejjah Dei Delitti contro La Pubblica Amministrazione jigi enfasizzat li l-legislatur ghamel dan ir-reat ghalih, u cioe' li tingurja ufficjal pubbliku fil-qadi ta' dmirijietu, b'mod distint milli thedded jew tingurja cittadin komuni peress illi l-ligi trid tipprotegi l-amministrazzjoni pubblika:

"*ma l' inguria, la violenza, le minaccie possono essere* commesse contro il *pubblico ufficiale non a causa delle sue funzioni ma nell' esercizio dell'amministrazione poiche insieme con l'offesa alla persona e disturbato la pubblica funzione*".

**Francesco Antolisei** fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale[5] jiddeskrivi r-reat ta' oltragg bhala:

---

[4] Vol. II, pag. 222 (Ediz. 1890)
[5] Vol. II, pag. 771 (Ediz. 1977)

"*non e' altro che una forma speciale di inguria della quale presenta tutti gli elementi costitutivi esigenti in piu' che il soggetto passivo sia un pubblico ufficiale, e che questi venga offeso a motivo o mentre esercita la sua funzione".*

L-istess awtur jaghmel enfasi fuq il-kliem *"la sua funzione*" ghaliex jghid li:

*"e un requisito obbiettivo e nesso funzionale e cioe'* la necessita' *che l'offesa avvenga a causa o nell'esercizio delle funzioni. Se difetta tale nesso il fatto dara' luogo al delitto di inguria".*

Ghalhekk jirrizulta li jrid ikun hemm *"il nesso di casualita tra l'offesa e la funzione".*

L-istess Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija v Amante Camilleri**[6] kompliet telabora u tghid illi:

"*hemm kazijiet li fihom l-element morali (formali) cioe' dana l-animu ingurjandi, jigi presunt u dana jsir meta l-kliem ikunu per se ingurjuzi u tali li wiehed ghandu ragjonevolment jirritjeni, fl-assenza ta' prova in kuntrarja li intqalu bil-hsieb li l-persuna li ghaliha dak il-kliem kienu diretti tkun ingurjata cioe bil-hsieb li jintilef jew jitnaqqas il-gieh ta' dak il-persuna*."

L-eccezzjoni pero', kompliet tghid l-Qorti tal-Appell fis-sentenza fuq citata, hi:

*"jekk pero l-kliem ma jkunx per se u mad daqqa t'ghajn ingurjuz, trid ssir indagini biex wiehed jistabilixxi jekk il-Prosekuzzjoni ppruvatx, sal-grad li trid il-ligi f'materja penali, li dak il-kliem intqal f'cirkostanzi u b'tali mod li kienu injgurjuzi ghall-persuna li lilha kienu diretti u li intqalu mill-agent bl-intenzjoni li joffendu. Fi kliem iehor, anke jekk l-kliem ikunu per se mad-daqqa t'ghajn ingurjuzi, jista jaghti l-kaz li jkunu intqalu mhux bl-intenzjoni li joffendu izda,*

[6] supra *Vide footnote* nru. 3

*per ezempju b'cajta (animus jocandi) jew filwaqt li l-agent ikun qieghed legittimament jipprotesta kontra xi agir partikolari (animus reclamandi)".*

In oltre, fil-kaz **Il-Pulizija v Emanuel Pace**[7], il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet illi sabiex jissussisti d-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjat bhala ingurjuz, jkun inghad lil wiehed li ghandu kwalifika ta' ufficjal pubbliku u li jkun filwaqt ta' dan ikun fl-att tas-servizz *"officio durante ad contemplazione officii".*

Fil-fatt, jekk persuna li tkun pulizija tinzerta f'post u tigi ingurjata jekk ma tkunx hemm fuq xi ordni specifiku izda b'semplici kumbinazzjoni, allura dan id-delitt ma jezistix.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmel Farrugia**[8] l-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li jekk l-kliem li jintqal mill-agent lejn uffucjal pubbliku, jintqal b'sens ta' kritika, l-kritika sakemm ma tiddegenerax f'ingurja ma tista b'ebda mod tigi penalizzata, anke jekk dik il-kritika tiehu l-forma ta' rimarka ironika jew addirittura sarkastika. F'dak il-kaz ir-reat in desamina ma jirrizultax.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuele Cassar**[9] il-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidiet li biex ikun hemm d-delitt ta' oltragg, hemm bzonn li l-kliem ingurjuz jinghad lil wiehed li ghandu l-kwalita' ta' ufficjal pubbliku u fil-waqt li dan ikun fl-att tas-servizz tieghu, l-att ingurjuz ta' l-oltragg jirrikjedi l-element morali, jigifieri l-intenzjoni li l-hati joffendi lil ufficjal li jkun, u ghalhekk meta ma hemmx dik l-intenzjoni ma hemmx l-oltragg, imma jista' jkun hemm kontravenzjoni ohra.

---

[7] Qorti ta' l-Appell Kriminali (CA) – 30 ta' April, 1993 (App. Nru. 217/91)
[8] Qorti ta' l-Appell Kriminali (VDG) – 16 ta' Frar, 1998 (App. Nru. 194/96)
[9] Qorti ta' l-Appell Kriminali – 12 ta' Dicembru, 1936 (Vol. XXIX/iv/593)

F'dan ir-rigward issir referenza ghal dak mistqarr minn PS524 li jghid li l-imputat kienet aggressiva u bdiet tghid lis-Supretendent 'Ha inpattihielek'. L-iSpettur Anthony Agius jghid f'dan ir-rigward li l-imputata bdiet tghid lis-Supretendent il-kliem "*kemm inti ahdar"* u "*npattihielek*". Is-Supretendent Sandro Gatt xehed ukoll u kkonferma li l-kliem indirizzat lejh mill-imputata kien fis-sens "*pufta, m'intix ragel" u "nsibek u npattihielek" , 'inpattihielek pufta kollok".* Jinghad li dan il-kliem gie indirizzat lilu proprju waqt li huwa ghadda sabiex jarresta lill-persuna ta' Marco Pace u ghalhekk waqt l-ezekuzzjoni ta' xoghlu. Din l-ewwel akkuza ghalhekk tirrizulta provata sodisfacentement.

Fit-tieni lok giet akkuzata talli qabdet siggu kontra PC 1176 Kurt Zahra inkarigat minn servizz pubbliku filwaqt tal-qadi ta' dmirijietu. PC 1176 Kurt Zahra ex admisses ighid li "*Intebah li din (b'referrenza ghall-imputata) qabdet xi haga sewda, li rrizulta li kienet sieq ta' siggu, u rnexxielu jahtafhielha. Charmaine ippruvat ittih b'din l-injama imma zammha*". F'dan ir-rigward l-ispettur Anthony Agius jghid ex admisses "*kienet aggressiva verbalment u anke vjolenti..... minn taht il-ghajn kien raha taqbad xi haga u PC1176 Kurt Zahra li kien maghhom hadhielha minn idha, izda wara ftit regghet qabdet xi njama jew lembuba u ppruvat taghti biha. Qal li din kienet xi haga sewda tal-kewba".* PS 524 Paul Cassar ighid ex admisses li *"L-imputata Charmaine Pace kienet prezenti waqt li kienu hergin bih, u din ukoll kienet aggressiva mal-pulizija fejn aggrediet lil PC1176 b'xi sieq ta' siggu jew mejda ghalkemm dan kien zvelt bizzejjed li ma weggeghtux u lahaq hadhielha".*

Illi ghalhekk din l-akkuza tirrizulta ukoll provata sodisfacentement.

Fit-tielet lok l-imputata giet akkuzata talli ikkagunat biza' fil-konfront ta' PC 1176 Kurt Zahra, biza li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra proprjeta' tieghu. Illi fix-xhieda tieghu PC 1167 fl-ebda hin ma jghid li kien bezghan jew li b'dak li qalet l-imputata huwa fehem li l-persuna tieghu jew il-proprjeta'

tieghu kienu f'xi perikolu u ghalhekk l-agir tal-imputata ghalkemm kundannabbli ma jammontax ghal dan ir-reat u ghalhekk mhux qed issibha hatja ta' din l-akkuza.

Fir-raba' lok l-imputata giet akkuzata talli attakkat jew ghamlet rezistenza b'xi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra diversi membri tal-pulizija li huma inakrigati skond il-ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi. L-Artikolu 96 jipotizza r-reat ta' attakk jew rezistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li dik il-persuna tkun qed tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi, jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita' kompetenti. Illi din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-artikolu 95(1) – waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dana is-servizz. (ara sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra.** [10]

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz "**Il-Pulizija vs Lawrence Attard**"[11] inghad li:

"*biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali (re:attack jew rezistenza kontra ufficjal pubbliku) irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia rezistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, izda ukoll li dana l-attakk jew rezistenza isir bi vjolenza jew b'hebb u jsir waqt li dik il-persuna tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompeteni. Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jesegwixxi l-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija jkun qighed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex*

[10] Deciz mill-Qorti al-Appell Kriminali nhar id- 9 ta' Settembru 2002.
[11] Deciz mill-Qorti al-Appell Kriminali nhar it- 12 ta' Settembru 1996

*iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixi "ghall-esekuzzjoni tal-ligi*"

Inoltre, fil-kaz "**Il-Pulizija vs Joseph Zahra**",[12] fuq imsemmi intqal li:

*"Skond l-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) -"waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz.*"

Illi fil-kaz in desamina jidher li l-imputata kienet qed tinsolenta u thedded numru ta' ufficcjali u sahansitra anke tittenta thebb ghalihom billi qabdet siggu u kellu jkun PC 1167 Kurt Zahra li johodulha minn idejha u dan waqt li l-pulizija kienu ser jarrestaw lil Marco Pace. Illi dan l-agir tal-imputata zgur li fixkel lill-pulizija fl-investigazzjoni taghhom li kienet ghadha ghaddejja. Dan kollu sehh waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Jinghad ukoll kif stqarr is-Supretendent Sandro Gatt li l-imputata ppruvat ttih daqqa ta' sieq u li bdiet ixejjer oggett fid-direzzjoni tieghu. PS 524 ex admisses ghid "*kienet aggressiva mal-pulizija fejn aggrediet lil PC1176 b'xi sieq ta' siggu jew mejda ghalkemm dan kien zvelt bizzejjed li ma weggeghtux u lahaq hadhielha."* L-ispettur Anthony Agius jghid ukoll ex admisses li " *minn taht il-ghajn kien raha taqbad xi haga u PC1176 Kurt Zahra li kien maghhom hadhielha minn idha, izda wara ftit regghet qabdet xi njama jew lembuba u ppruvat taghti biha".*

M'hemmx dubbju li dan l-agir jammonta ghar-reat kif ipottizzat.

[12] Deciz mill-Qorti al-Appell Kriminali nhar id- 9 ta' Settembru 2002).

Fil-hames lok giet akkuzata wkoll li naqset li tobdi l-ordinijiet legittimi moghtija lilha minn diversi membri tal-pulizija. Jinghad li l-fatt li l-imputata irresistiet l-arrest fih innifsu ma ifissirx li l-imputata inghatat ordni u din ma segwithiex u tali agir jammonta ghar-reati l-ohra kif fuq spjegati. Illi had mill-pulizija li xehdu ma qalu li taw xi ordni lilha li ma gietx segwita u ghalhekk din l-akkuza ma tirrizultax provata.

**Ghalhekk, din l-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' Artikoli 95, 96, 251B u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputata CHARMAINE PACE hatja tal-ewwel (1), tat-tieni (2) u tar-raba' (4) akkuzi u tikkundannaha multa komplessiva ta' erbat elef ewro (€4,000) u mhux hatja tat-tielet (3) u il-hames (5) akkuzi u tilliberah minnhom.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**